MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Numru 438/2013

Il-Pulizija
(Spettur Rosanna Debattista)
vs
David Abela
Joseph Vella
-omissis-

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra iz-zewg imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 525885 (M) u 85271 (M) rispettivament huma:

David Abela – talli matul is-sena 2012 fl-inhawi ta’ San Gwann b’diversi atti maghmulin anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru disposizzjonijiet tal-ligi kkommetta serq bil-valur li jammonta ghal madwar 143,412 Euro bil-vjolenza, bil-persuna, u bil-hin ghad-dannu tas-socjeta Lidl Malta Limited;

Joseph Abela – talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi f’liema ammissjoni baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti taghthom hin jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

L-imputati huma ko-akkuzati ma ohrajn.  Fil-verbal tal-Qorti tas-7 ta’ Mejju 2013 jinsab registrat l-ammissjoni tal-imputati odjerni wara li fil-konfront tal-imputat Abela u l-prosekuzzjoni ddikjarat li rigward l-aggravvju tal-valur tali ma jeccedix 1000 Euro.

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ adwn iz-zewg imputati, l-qorti qeghda tiddikjarahom u ssibhom hatja tal-imputazzjoni rispettiva dedotta fil-konfront ta’ kull wiehed minnhom.

Rat l-Artikolu 261(b)(a)(d)(f), 263, 262(b), 268(a), 270, 276, 279, 280(2) u 334(a)

Rat il-verbal taghha fuq citat fejn il-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat David Abela ddikjarat l-aggravju tal-valur li ma kienx jeccedi l-1000 Euro.

Tiddeciedi li tikkundannahom sentejn prigunerija kull wiehed m,innhom li qeghda tissospendihom ghal erba’ sin millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Ai termini tal-Artikolu 28H tac-citat Kap, tobbliga lill-imputati li mhux oltre sitt xhur millum ihallsu lis-socjeta Lidl is-somma ta’ 900 Euro k ull wiehed.

Il-Qorti spjegat ir-responsabbilta tal-imputati a tenur ta’ din is-sentenza.

---------------------------------TMIEM---------------------------------